MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2003

Appell Kriminali Numru. 254/2002

**Il-Pulizija**

**v.**

**Raymond Borg**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Raymond Borg talli fil-11 ta’ Ottubru, 2002 fi Triq il-Mosta, Lija, waqt li kien qed isuq xarabank DBY-409 **(1)** b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku ikkaguna griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Elsie Towner (passaport nru. 301162496) skond kif iccertifika Dott. Anthony Gatt M.D. ta’ l-Isptar San Luqa; **(2)** ikkaguna hsara involontarja fuq il-proprjeta` tal-Gvern, u cioe` zewg sigar li l-valur taghhom huwa taht il-hamsin lira; **(3)** saq b’manjiera perikoluza, traskurata u negligenti; **(4)** naqas li jzomm l-istess xarabank DBY-409

fuq in-naha tax-xellug tat-triq; **(5)** saq l-istess vettura b'giri eccessiv; **(6)** naqas li jiehu l-prekawzjonijiet mehtiega hu u jaqbez vettura ohra; l-ewwel qorti kienet mitluba li minbarra li taghti l-piena skond il-ligi, tiskwalifika lill-imsemmi Borg milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal periodu ta' mhux anqas minn tlett xhur;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-16 ta' Ottubru, 2002 li permezz taghha dik il-qorti, fuq ammissjoni ta' l-istess Raymond Borg debitament registrata fl-udjenza ta' l-14 ta' Ottubru, 2002, iddikjarat lill-istess Borg hati skond l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, ikkundannatu sena prigunerija sospiza ghal erba' snin skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 28A tal-Kap. 9, u ssospendietlu l-licenzja [tas-sewqan] ghal periodu ta' sena;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Raymond Borg, minnu ppresentat fit-28 ta' Ottubru, 2002 li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza ta' nhar il-Gimgha 14 ta' Frar, 2003; ikkunsidrat:

Dana l-appell hu limitat ghall-piena. Din il-Qorti kkunsidrat id-diversi aggravji ta' l-appellant – li bazikament jirriducu ruhhom ghal aggravju wiehed, u cioe` li huwa ma kellux jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija sospiza izda kellha tigi inflitta minflok piena pekunjarja, kif ukoll li s-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal periodu ta' sena kienet piena eccessiva – u hi tal-fehma li ghandha taghmel dawn l-osservazzjonijiet:

1. L-incident kien wiehed serju hafna. Hawn ghandna persuna – xufier tal-karozza tal-linja – li qed iwettaq servizz pubbliku. F'idejh kellu xarabank mimlija nies. F'hin minnhom, kif jammetti huwa stess[1], iddecieda li jitkessah billi jipprova jaqbez xarabank ohra li kienet miexja. Tali sorpass huwa espressament projbit bir-

[1] Fol. 42.

regolament 173 tar-Regolamenti ta’ l-1994 dwar il-Vetturi bil-Mutur (A.L. 128/1994): *“Ebda* motor omnibus *ma ghandha taqbez* omnibus *ohra hlief meta din tkun wieqfa fi stage”.* Fi kliem wahda mill-passiggieri, Maria Dolores Sultana[2]: *“Is-sewwieq tax-xarabank taghna beda jsuq bil-qawwi u pprova jaqbez ix-xarabank l-ohra. Nghid li bdew jippikaw u s-sewwieq taghna beda jhares lejn l-iehor. Naf li gew hdejn xulxin”.* F’hin minnhom l-appellant tilef il-kontroll tal-vettura li kien qed isuq, rikeb fuq is-*centre strip*, u bit-tisbita li ha passiggiera anzjana ta’ cittadinanza Ingliza li kienet riekba fuq l-imsemmija xarabank inbezqet ghal barra, giet fit-triq u sofriet griehi ta’ natura gravi.

2. L-ewwel qorti ttrattat il-kaz, ghal dik li hija piena, bis-severita` kollha li kien jisthoqqlu. Dan huwa kaz fejn il-piena ghandha sservi ta’ lezjoni u ta’ deterrent mhux biss ghall-hati izda wkoll ghal sewwieqa ohra tat-trasport pubbliku. Il-pubbliku jistenna, u ghandu dritt li jircievi, minghand dawn is-sewwieqa mhux biss servizz efficjenti izda wkoll u qabel kollox servizz li ma jpoggix hajjithom fil-perikolu.

3. L-ewwel qorti, fis-sentenza taghha, qalet li ma kienitx ser tapplika piena karcerarja b’effett immedjat (u ghalhekk tat piena ta’ sena prigunerija izda ssospendiet dik il-piena ghal erba’ snin) minhabba l-ammissjoni bikrija ta’ l-appellant (allura imputat) quddiemha. Jidher, pero`, li l-ewwel qorti (u, stranament, anke l-appellant fir-rikors ta’ appell tieghu) marret fuq il-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta’ l-Artikolu 226 tal-Kodici Kriminali ghal dik li hija l-piena. Dan il-paragrafu (a) jipprovdi ghal “piena ta’ prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sena jew multa mhux izjed minn elfejn lira”[3]. Fil-fehma ta’ din il-Qorti il-paragrafu applikabbli kien il-paragrafu (b), u dan peress li la mill-ewwel imputazzjoni kif migjuba mill-prosekuzzjoni u anqas mill-atti ma jirrizulta li l-offizi gravi sofferti minn Elsie Towner gabu l-konsegwenzi msemmija fl-Artikolu 218 tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk il-piena applikabbli ghall-ewwel

[2] Fol. 39.
[3] Sottolinear ta’ din il-Qorti.

imputazzjoni kienet ta’ “prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sitt xhur jew multa mhux izjed minn elf lira”.

4. Din il-Qorti hi tal-fehma li dan huwa kaz li jimmerita l-piena pekunjarja fil-massimu taghha, u dan peress li tali piena tista’ aktar isservi ta’ deterrent minn piena ta’ prigunerija sospiza.

5. Kwantu ghas-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghall-periodu ta’ sena, din il-Qorti ma tarax li dan il-periodu kien, fic-cirkostanzi, wiehed eccessiv. Frankament, anzi, tahseb li s-sospensjoni kellha tkun ghal periodu itwal. Fin-nuqqas ta’ appell da parti tal-prosekuzzjoni taht l-Artikolu 63 tal-Kap. 65, pero`, din il-Qorti hija prekluza milli zzid dan il-periodu.

Ghall-motivi premessi, tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha biss f’dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant ghall-piena ta’ sena prigunerija sospiza ghal erba’ snin, u minflok tikkundannah multa ta’ elf lira (Lm1,000) konvertibbli f’sitt xhur prigunerija f’kaz ta’ nuqqas ta’ pagament skond il-ligi; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Il-periodu ta’ sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ta’ sena jibda jiddekorri mill-lum.

--------------------------------TMIEM--------------------------------